# "Irgħa n-Nagħaġ Tiegħi"
# Adorazzjoni Ewkaristika b'Talb għall-Għażla tal-Papa
# Mejju 2025

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Kristu, l-ewlieni u l-kbir fost ir-ragħajja,
quddiemek jiġi l-poplu tal-wirt tiegħek,
ħa jroddlok il-foħrija w qima xierqa
fil-qawmien tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int fil-quċċata terfa' 'l wieħed minna
sabiex, bil-għaqal u bil-ħeġġa, f'ismek
imexxi n-nagħaġ li inti fdajt lil Pietru
meta stqarr lilek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għalhekk, bħal ħutek u ulied Missierek,
f'dis-siegħa nitolbuk mis-sema tibgħat
l-Ispirtu tal-Qdusija fuq ir-ragħajja
fdati b'din l-għażla.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ibgħat il-għerf u l-għaqal mit-tron tiegħek
biex jieqaf magħhom u bid-dawl jagħnihom
sabiex jagħrfu lil dak li int għażiltu
ħa jmexxi f'ismek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ħa jkun ta' dawl għall-għomja, missier twajjeb,
ħarries tal-imġarrbin, faraġ l-imsejkna,
u lkoll jiġborna f'merħla waħda mqaddsa,
fid-dinja kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tifħir u glorja lill-Missier għal dejjem,
u lilek, Sultan twajjeb, Feddej tagħna,
ikun imsebbaħ kullimkien bla heda
l-Ispirtu s-Santu. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

F'dan iż-żmien, Ommna l-Knisja Mqaddsa tħeġġiġna biex nitolbu għall-Papa Franġisku sabiex il-Mulej ma jdumx ma jilqa' lil dan ir-ragħaj twajjeb fil-mergħat ta' dejjem, filwaqt li rroddu ħajr ukoll lil Alla għal dak kollu li wettaq għall-ġid tagħha u tad-dinja permezz tiegħu. U f'dan iż-żmien ta' stennija u dixxerniment

sabiex jiġi magħżul is-suċċessur il-ġdid tal-Prinċep tal-Appostli, il-Knisja tingħaqad fit-talb ħalli, dawk li f'idejhom hi fdata r-responsabbiltà tal-għażla tal-Papa l-ġdid, ikunu tassew qalbhom miftuħa u ħielsa minn kull irbit, simpatiji jew antipatiji, interessi personali u sekondarji, biex hekk fihom ikun tassew jista' jaħdem l-Ispirtu s-Santu ħalli jiġi magħżul ragħaj skont il-qalb ta' Alla u skont il-ħtiġijiet ta' żminijietna; mexxej għaqli li kapaċi jiggwida l-familja ta' Ġesù Kristu fuq l-art, u qaddej fidil li jxandar l-Evanġelju b'mod li jinftiehem mill-bnedmin tal-lum filwaqt li jħares is-sħuħija tal-verità ta' Kristu. Għalhekk, aħna u npoġġu ruħna quddiem il-Mulej Ġesù, ħaj fostna f'dan is-Sagrament tal-għaġeb, ejjew ninxteħtu f'riġlejh b'dan kollu jbaqbaq fina, proprju f'dan iż-żmien liturġiku tal-Għid li ta' kuljum ilaqqagħna mal-esperjenzi tal-Knisja tal-bidu permezz tal-qari mill-Atti tal-Appostli, u wkoll kif il-Knisja bdiet tinbena permezz tal-laqgħa ma' Kristu mqajjem mill-mewt … kollha esperjenzi u stejjer ta' tama qalb is-suċċessi u l-ostakli … tama tant meħtieġa mhux biss f'din iċ-ċirkostanza partikolari li tqanqalna biex nitolbu għall-Knisja, imma wkoll fid-diversi ċirkostanzi madwarna u madwar id-dinja li faċilment jisirqulna l-ferħ tal-Għid u l-entużjażmu biex inħabirku ħalli naqsmu l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni ma' ħutna kollha.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ittra lil-Lhud** (13, 7-9)
Ftakru f'dawk li jmexxukom, dawk li wasslulkom il-kelma ta' Alla; aħsbu fuq it-tmiem ta' ħajjithom, imxu fuq l-eżempju tal-fidi tagħhom. Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem. Tħallux li toħorġu 'l barra mit-triq b'xorta oħra ta' tagħlim barrani; aħjar għalina li qalbna tissaħħaħ bil-grazzja ta' Alla milli b'tagħlim dwar kull xorta ta' ikel li anqas sewa ta' ġid għal dawk li mxew miegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Irroddu ħajt lil Alla*

Mulej Ġesù, fil-kuntatt tagħna mas-saċerdoti, għax fihom nagħrfu bnedmin li ngħataw lilek fil-qadi tal-poplu, aħna nitolbuhom jiftakru fina quddiemek. U forsi narawha ftit stramba għall-ewwel meta s-saċerdot jitlobna biex nitolbu għalih ukoll. Imma, meta nieqfu u naħsbu ftit, nifhmu kemm din hija tassew meħtieġa, u l-Papa Franġisku sa mill-ewwel mument tal-pontifikat tiegħu, mill-gallarija tal-Bażilika ta' San Pietru, fl-ewwel diskors tiegħu lill-Belt u lid-Dinja, saħaq fuq din il-ħtieġa: anzi ta' sikwit kien ifakkar lil dawk miġbura biex ma jinsewx jitolbu għalih. Bil-Malti ngħidu: "Akbar m'int, akbar hu hemmek." Aktar ma jkollok pożizzjoni għolja, aktar għandek responsabbiltà u ħsibijiet.
U l-awtur tal-Ittra lil-Lhud li minnha għadna kemm qrajna b'mod kważi donnu barra minn postu jfakkarna fil-ħtieġa ta' dan, mhux biss matul il-ħajja tas-saċerdoti, l-isqfijiet, u l-papiet, imma jordnalna wkoll biex naħsbu fuq it-tmiem

ta' ħajjithom. Hemm it-tmiem, id-direzzjoni, id-destinazzjoni tal-ħajja tagħhom li huma ħaddnu permezz ta' ħajja ta' ċelibat li torbothom b'mod aqwa miegħek, ir-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Ragħaj is-Sabiħ, li, għall-ġid tal-umanità li ġejt biex tifdi, bqajt ċelibi biex hekk qalbek tkun tassew miftuħa għal kulħadd.
Proprju minħabba din l-għażla li jilqgħu ċ-ċelibat għas-Saltna tas-Smewwiet, hemm ċans li it-tifkira tagħhom tisparixxi malajr u jintesew, għajr għal affarijiet straordinarji jew nuqqasijiet umani li jidhru ikbar minħabba fil-kobor tal-ministeru tagħhom. Saħansitra ninsew nitolbu għalihom wara mewthom bħallikieku ninsew li, ta' bnedmin bħalna, huma wkoll jeħtieġu l-maħfra tad-dnubiet u t-tisfija sabiex jidħlu fl-hena tiegħek ta' dejjem. Għaldaqstant, f'dan il-mument, se nilqgħu din il-kelma u naħsbu fuq it-tmiem tal-Papa Franġisku, b'dak kollu li l-memorja tiegħu tnissel f'qalbna, u dan nagħmluh bi gratitudni u interċessjoni sabiex tagħtih il-ħlas imwiegħed lill-qaddejja tiegħek.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

B'dan il-ħsieb f'qalbna, ejjew nitolbu Salm 16—salm probabbilment miktub minn saċerdot marid li qed jitlob lill-Mulej biex isalvah ħalli jkompli jaqdih—billi nwieġbu flimkien: ***Titlaqx lil qaddej tiegħek fl-imwiet.***

Salm 16, 1-2. 5-11

Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.
Jien għedt lill-Mulej: "Int Sidi,
m'għandix ġid ieħor ħliefek."
Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-riżq tiegħi,
inti żżomm f'idejk xortija. **R/.**

Il-kejl tani art li tgħaxxaq:
messni sehem tassew għal qalbi.
Inbierek lill-Mulej li tani l-fehma;
imqar billejl qalbi tgħallimni.
Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi,
għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek. **R/.**

Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi,
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.
Għax int ma titlaqnix fl-imwiet,
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar. **R/.**

Int tgħallimni t-triq tal-ħajja;
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,
hemm l-għaxqa għal dejjem f'lemintek. **R/.**

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (21, 15-19)
F'dak iż-żmien, Ġesù deher lid-dixxipli tiegħu. Wara li kielu xi ħaġa, Ġesù qal lil Xmun Pietru: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?" Wieġbu: "Iva, Mulej, int taf li nħobbok." Qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi."
Staqsieh għat-tieni darba: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int?" Wieġbu: "Iva, Mulej, int taf li nħobbok." Qallu: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi."
Għat-tielet darba staqsieh: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni?". Pietru ħass għafsa ta' qalb għax staqsieh għat-tielet darba, "Tħobbni?". U qallu: "Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok". Qallu Ġesù: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi. Tassew tassew ngħidlek, meta kont żagħżugħ, kont titħażżem waħdek u tmur fejn trid; imma meta tixjieħ, int tiftaħ idejk u ħaddieħor iħażżmek u jieħdok fejn ma tkunx trid!"
Dan qalu biex ifisser b'liema mewta kien sejjer jagħti glorja lil Alla. Imbagħad Ġesù ssokta jgħidlu: "Ejja warajja."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
R/. *Tifħir lilek, Kristu.*

"Irgħa l-ħrief tiegħi ... Irgħa n-nagħaġ tiegħi." Din is-silta mill-aħħar kapitlu tal-Evanġelju skont San Ġwann li fiha, wara ċ-ċaħda tiegħu, bħal donnok tagħti ċans lil Pietru jistqarr imħabbtu lejk mill-ġdid, aħna nisimgħu lilek ukoll, Mulej Ġesù, mill-ġdid terġa' tafdah bħala ragħaj u ħarries tal-merħla tiegħek. Huwa l-istess djalogu li fi ftit sekondi qosra jrid iseħħ fil-qalb tal-bniedem magħżul bħala suċċessur ta' Pietru sabiex jilqa' l-piż tal-ministeru Petrin. Iċ-ċurkett li bih jitlibbes mhuwiex iċ-ċurkett imperjali, imma huwa ċ-ċurkett tas-sajjied li kif laqgħa l-ewwel sejħa f'żgħożitu hekk issa mill-ġdid iħallik tħażżmu bl-ilbies ta' ragħaj u, għall-istqarrija ta' mħabbtu, tordnalu bi ħlewwa biex jimxi warajk għax hu biss jekk jimxi warajk li hu jkun tassew fidil fit-tmexxija tal-poplu billi jwasslu għandek, int li inti t-Triq, il-Verità, u l-Ħajja.
Għalkemm huwa madmad tqil u bla paragun, xorta waħda jibqa' madmad ħelu għax kull madmad li bih inti tgħabbi lilna, dixxipli tiegħek, huwa dejjem madmad ta' bi tnejn fejn il-piż iġġorru inti u aħna nissieħbu miegħek. Aħna biss bħal-Xmun iċ-Ċirinew li nerfgħu l-madmad tas-Salib, li huwa tiegħek, u li bih u permezz tagħna tkompli twettaq is-salvazzjoni tad-dinja.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

L-iskandli u l-istejjer li nisimgħu xi ftit jew wisq jaffetwaw il-fiduċja tagħna f'dawk li, miġburin fil-Kappella Sistina, se jivvutaw biex jagħżlu lil xi ħadd minn fosthom għall-Ministeru Petrin. Il-kredibbiltà ta' xi wħud hija diskutibbli. Il-kredenzjali ta' oħrajn joħolqu xettiċiżmu. Imma inti u inti biss taf, Mulej Ġesù, x'hemm eżatt fil-qlub, u għandek il-ħila tikteb b'ittri tad-deheb il-ġrajja tal-Knisja fuq folji maħmuġin u mgħaffġa tal-ġrajjiet mill-iktar umani tagħna. Għaldaqstant, bħala

l-Knisja li titlob bit-tama, fl-istess spirtu tal-ġemgħa tat-Tnax flimkien ma' xi nisa u ma' Marija Ommok, u ma' aħwa u dixxipli oħra (Atti 1, 14) miġbura fiċ-ċenaklu tistenna l-inżul tal-Ispirtu s-Santu, illejla aħna wkoll se nitolbu għad-don ta' Ruħ il-Qdusija għall-ġid tal-istess poplu tiegħek u tal-umanità f'dan il-mument partikolari.

- Ibgħat l-Ispirtu Konsolatur fuq il-Kardinali sabiex jiggwidahom huma u jirriflettu fuq il-ħtiġijiet tal-Knisja u tad-dinja llum u hekk jagħmlu l-għażla tagħhom mhux skont il-kriterji tad-dinja imma skont il-kriterji tal-Evanġelju tiegħek. Nitolbu.
- Ibgħat l-Ispirtu ħa jsaħħaħ fil-ġisem u fir-ruħ lil dawk kollha li se jakkumpanjaw u jieħdu ħsieb lill-Kardinali f'dan il-mument ta' deċiżjoni serja. Nitolbu.
- Ibgħat in-Nar Qaddis tiegħek ħa jsaffi l-qlub minn kull ambizzjoni u kilba għall-poter sabiex id-deċiżjonijiet meħudha jkunu tassew għall-ikbar ġid tal-merħla tiegħek. Nitolbu.
- Agħti l-mistrieħ ta' dejjem lir-ruħ ta' Papa Franġisku, u imla bl-Ispirtu tal-Qawwa lis-suċċessur tiegħu sabiex jilqa' b'kuraġġ ir-responsabbiltà li biha se jiġi mgħobbi biex ikun xhud tiegħek sa truf l-art kollha. Nitolbu.
- Ibgħat l-Ispirtu tal-għaqda u s-sliem fuq il-poplu kollu tiegħek sabiex jilqa' b'qalb miftuħa u ubbidjenti dak li inti tnebbaħ. Nitolbu.

Ragħaj Tajjeb tagħna, xerred it-tjieba tiegħek bla qies fuq il-Knisja u agħtiha ragħaj li jkun jixbhek fi qdusitu u li jaħseb u jishar għall-ġid tagħha. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali